# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# UFFIĊJAL REVIŻUR

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2024**

**Rik Nru: 8/2024**
**Nru fuq il-Lista: 5**

**Oliviero Borg Olivier (K.I. 046743(M))**

**vs**

**Il-Kummissjoni Elettorali**

**L-Uffiċjal Reviżur;**

Ra r-rikors promotur mressaq fil-25 ta' April 2024[1] fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li ismu jiġi reġistrat bħala elettur fir-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew.

[1] A fol 1 tal-proċess

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024[2], fejn ġiet mismugħa x-xhieda tar-rikorrent[3].

Ra l-atti kollha.

**Ikkunsidra**

Illi dan tal-lum huwa provvediment dwar talba tar-rikorrent mressaq abbażi tal-artikoli 30 *et seq* tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta. Tajjeb mill-ewwel jingħad, anke għaliex it-talba trid ir-reġistrazzjoni t'isem ir-rikorrent anke fir-Reġistru Elettorali għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew li t-tiswija jgħoddu bl-istess mod[4]. Għal l-Uffiċjal Reviżur, it-talba tar-rikorrenti taqa' strettament f'dak li jrid l-artikolu 39 tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal kompletezza, jingħad li l-fatt ta' nuqqas ta' prova li r-rikorrent kellu applikazzjoni preċedenti miċħuda mill-Kummissjoni ma jfissirx li huwa ma setax iħejji dan l-appell, għaliex hemm jidħol fix-xena dak li jrid l-artikolu 39(2) tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif tajjeb ġie mfisser riċentement mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)[5] l-liġi tagħna tispjega b'mod ċar min jista' u għandu jkun indikat (u allura reġistrat) bħala elettur[6]. Xogħol l-Uffiċjal Reviżur huwa propju li jeżamina jekk dawn l-elementi humiex sodisfatti.

---

[2] A fol 4 tal-proċess.

[3] Din tibda a fol 5 tal-proċess

[4] Ara f'dan is-sens dak li jrid u jgħid l-artikolu 7 tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 13(2) tal-Kapitolu 467 tal-Liġjjiet ta' Malta.

[5] Fost oħrajn, l-Uffijċal Reviżur jagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Michael Piccinino *pro et noe* vs Raisa Agius *et,*** (App Ċiv Nru: 51/2014/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Mejju 2024.

[6] Referenza ssir għall-artikolu 15 tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 10 u 11 tal-Kapitolu 467 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mix-xhieda tar-rikorrent[7], jirriżulta ampjament ċar li dan jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-liġi sabiex ismu jkun jista' jiddaħħal fir-reġistri elettorali relattivi. Tassew, il-Kummissjoni stess, wara li semgħet ix-xhieda tiegħu, staqsiet biss għall-indirizz tiegħu u xejn dwar dawn l-elementi.

Illi b'hekk l-Uffiċjal Reviżur isib lit-talba għandha u qiegħda tintlaqá.

Għaldaqstant l-Uffiċjal Reviżur qiegħed jaqta' dan ir-rikors billi jilqa' t-talba u b'hekk jordna li l-Kummissjoni Elettorali tirreġistra isem ir-rikorrenti u ċioé Oliviero Borg Olivier (K.I. 046743M), fl-indirizz 79, Kulleġġ ta' San Alwiġi, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Birkirkara, bħala elettur fir-Reġistru Elettorali għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Uffiċjal Reviżur

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[7] A fol 5,6 u 7 tal-proċess.